# FIL-QORTI ĊIVILI
# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, it-Tnejn 17 ta' Frar, 2025

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 79/2023 ISB**

**Pal Gas Holding Company Limited (C 48947)**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat **<u>ir-rikors</u>** tas-soċjeta' rikorrenti **Pal Gas Holding Company Limited**, tas-7 ta' Diċembru 2023, u li permezz tiegħu hija talbet lill-Qorti sabiex:-

1. *Tordna lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex terġa ddaħħal l-isem tal-Kumpanija Palmali Gas Shipping Co Ltd fir-Reġistru*

*tal-Kumpaniji, sabiex b'hekk titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar, u*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Kumpaniji tagħmel dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa ai termini tal-liġi relativi għal tali inserzjoni fir-Reġistru tal-Kumpaniji, u dan taħt dawk id-direzzjonijiet u provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.*

U dan wara li ppremettiet:

1. *Illi s-soċjetá rikorrenti kienet, fid-data tax-xoljiment tal-kumpanija Palmali Gas Shipping Co Ltd, li kienet reġistrata taħt il-ligijiet ta' Malta bin-numru tal-kumpanija C 48949, reġistrata bl-indirizz Axeria Business Centre, 380 Level 3, Canon Road, Santa Venera SVR 9033, Malta (aktar il-quddiem imsejħa "l-Kumpanija"), l-unika azzjonista tal-Kumpanija, dan skont kif jihder aħjar fil- Memorandum and Articles of Association tal-istess Kumpanija (kopja annessa u mmarkata bħala 'Dok. A').*

2. *Illi ai termini ta' regolament 9(2) tar-Regolamenti dwar Companies Act (Register of Beneficial Owners) [Leġiżlazzjoni Sussidjarja 386.19 tal-Liġijiet ta' Malta] (aktar 'il quddiem imsejħin "r-Regolamenti"), r-Reġistratur tal-Kumpaniji bagħtet ittra datata nhar it-8 ta' Frar 2021(kopja hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. B') li permezz tagħha avżat lid-diretturi tal-Kumpanija li f'każ li ma tweġibx għal dik l-ittra fi żmien xahar billi tirreġistra l-informazzjoni meħtieġa mar-Reġistratur dwar is-sidien benefiċċjarji tagħha, l-isem tal-Kumpanija kien ser jitħassar mir-Reġistru tal-Kumpaniji ai termini ta' regolament 9(3) tar-Regolamenti.*

3. *Illi l-Kumpanija, fil-15 ta' Frar ta' 2021 u ċioe' ferm qabel l-iskadenza tat-terminu stabbilit mir-Reġistru tal-Kumpaniji, bagħtet email lill-uffiċjal tar-Reġistru tal-Kumpaniji permezz ta' liema inkludiet kopja elettronika tal-Formola tas-Sidien Benefiċjarji (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Formola BO3")(kopja tal-email li tinkludi kopja elettronika tal-Formola BO3 hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok.Ċ') sabiex tinforma illi in fatti*

*kienet diġa ssottometiet l-oriġinali ta' dan id-dokument mar-Reġistru tal-Kumpaniji.*

4. *Illi minkejja s-suespost u l-fatt li l-uniku dokument meħtieġ mir-Reġistru ntbagħat elettronikament fit-terminu utli, l-isem tal-Kumpanija ġie imħassar mir-Reġistru tal-Kumpaniji nhar it-23 ta' Ġunju 2021.*

5. *Illi ai fini ta' regolament 9(4) tar-Regolamenti għadhom ma għaddewx ħames (5) snin minn meta l-Kumpanija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji.*

6. *Illi s-soċjetá rikorrenti, qua l-unika azzjonista tal-Kumpanija msemmija, għandha kull interess illi l-istess Kumpanija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji stante l-fatt li l-Kumpanija għandha kull intenzjoni li tkompli topera u għaldaqstant is-soċjetá rikorrenti tħoss ruħha aggravata b'tali tħassir.*

7. *Illi diversi kumpaniji li jifformaw parti minn grupp ta' kumpaniji taħt l-isem Palmali Holding Company Limited, fetħu proċeduri ta' arbitraġġ quddiem it-tribunal arbitrali barrani magħruf bħala il-London Maritime Arbitration Association fir-Renju Unit fid-data 30 ta' Ġunju 2023 u liema proċeduri għadhom fis-seħħ sa llum.*

8. *Illi in vista tal-proċedimenti għaddejjin fir-Renju Unit, il-Kumpanija ma tistax tipproċedi bit-talbiet tagħha quddiem l-istess tribunal arbitrali barrani sakemm tiġi riattivata billi l-isem tal-Kumpanija jitqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji.*

9. *Illi fid-dawl tas-suespost jekk il-Kumpanija ma terġax titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u konsegwentement ma tiksibx l-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-Kumpanija ma jkunx tħassar, kemm il-Kumpanija kif ukoll is-soċjetá rikorrenti sejrin isofru danni irreparabbli.*

10. *Illi s-soċjetá rikorrenti hija aggravata b'dan il-fatt hekk kif ser jiġi muri fil-kors tal-kawża.*

11. *Illi b'referenza għas-sentenza mogħtija t-12 ta' Ottubru 2023 fl-ismijiet Cortis Carmel et vs L-Onor. Prim Ministru et, il-Qorti Kostituzzjonali (L-Onorevoli Imħallef Toni Abela, Rikors 21/19TA) kkritikat l-proċedura taħt l-artikolu 325 tal-Att Dwar il-Kumpaniji [Kap.386 tal-Liġijiet ta'Malta] bħala waħda drakonjana u intrinsikament ħażina mingħajr ebda skop li jinteressa lill-pubbliku u kif muri mill-kważa tista' tirriżulta f'preġudizzju u ksur ta'drittijiet fundamentali sanċiti mill-Kostituzzjoni ta' Malta.*

12. *Illi l-Qorti Kostituzzjonali tinnota li l-fatt li proċedura taħt l-artikolu 325 tal-Att Dwar il-Kumpaniji ma tipprovdix kumpens meta l-propjeta' tgħaddi f'idejn il-Gvern tiżvela "sitwazzjoni inġusta għall-aħħar li hija biss frott mhux ta' neċessita' pubblika iżda ta' plaġjarismu legali stante li addottajna b'għajnejna magħluqa l-liġi Ingliża." Di piú l-istess Qorti Kostituzzjonali esponiet li"hija tal-fehma soda, li l-effetti tal-artikolu 325(2) huma ekwipollenti għad-deprivazzjoni ta' valur ekonomiku li jispetta lis-soċji u mhux lill-Gvern. Huwa effettivament xorta ta' espropjazzjoni de facto mingħajr kumpens maskerat minn provvediment tal-liġi, li din il-Qorti frankament ma tistax tifhem għaliex għandu jkun hekk u x'inhu l-għan leġġittimu jrid jilħaq għaliex żgur ma huwiex l-interess ġenerali tas-Soċjetá."*

13. *Illi dak ritenut mill-Qorti Kostituzzjnali dwar artikolu 325 tal-Att Dwar il-Kumpaniji fis-sentenza msemmija hawn fuq japplika wkoll mutatis mutandis għal proċedura taħt ir-regolament 9 tar-Regolamenti u dana għaliex is-sustanza taż-żewġ proċeduri preskritti mil-liġi huma effettivament l-istess. Il-ġurisprudenza Maltija stess, inter alia, fil-kawża Refalo l-Avukat Dottor John noe vs Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji (14 ta' Ġunju 2023), il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Kummerċ), minkejja l-fatt li r-rikorrent b'mod żbaljat ibbaża t-talba tiegħu fuq l-artikolu 325 tal-Att Dwar il-Kumpaniji, għaddiet għal provvidementi tagħha xorta waħda u kkunsidrat it-talba magħmula ai termini tar-Regolamenti. F'dan is-sens, l-istess Qorti fis-sentenza tagħha sostniet illi l-effett tat-talba huwa xorta ai termini taż-żewġ provvedimenti tal-liġi cioé t-tqiegħed lura tal-kumpanija fuq ir-Reġistru, u li t-talba kienet tkun xorta valida li kieku r-rikorrent ma semmiex l-artikolu tal-liġi fit-talba tiegħu.*

*14. Illi l-Kumpanija ppreparat u saħansitra ssottometiet dawk id-dokumenti u formoli relatati mal-Kumpanija rikjesti u li kienu pendenti għar-reġistrazzjoni mir-Reġistru tal-Kumpaniji li jkkonsistu fil-Formola BO3 u f'informazzjoni dwar is-sidien tal-benefiċċjarji tal-Kumpanija mis-sena' 2021 sa 2023 (kopji hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok. D' u 'Dok. E' rispettivament), l-prospetti annwali mis-sena' 2020 sa 2023 u kontijiet annwali għas-snin 2015 sa 2022 (kopji hawn annessi u mmarkati bħal 'Dok. F' u 'Dok. Ġ' rispettivament) u minn issa tintrabat li tieħu kull azzjoni oħra meħtieġa sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni tagħha.*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 6 sa fol 63).

Rat **id-digriet** tagħha tal-15 ta' Diċembru 2023 u li bih ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tat-23 ta' Frar 2024 fid-9:30 a.m.

Rat in-nota tas-soċjeta' rikorrenti tal-11 ta' Jannar 2024 (fol 65) li permezz tagħha ppreżentat numru ta' dokumenti (fol 66 sa fol 67).

Rat in-nota tas-soċjeta' rikorrenti tal-11 ta' Jannar 2024 (fol 68) li permezz tagħha ppreżentat affidavit ta' **Joanne Spiteri** (fol 69 sa fol 70).

Rat illi fil-15 ta' Frar 2024, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ippreżenta **r-risposta** tiegħu (fol 78) bid-dokumenti hemmhekk annessi, li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi l-kumpannija **Palmali Gas Shipping Co Ltd (C 48949)** kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fit-22 ta' Frar 2010;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat informazzjoni dwar kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji. Tant hu hekk, illi l-aħħar prospett annwali reġistrat mar-Reġistratur tal-Kumpaniji kien dak tas-sena 2019, filwaqt illi minn meta daħal l-obbligu illi jiġu sottomessi l-kontijiet annwali għall-kumpaniji reġistrati taħt il-Merchant Shipping Regulations, il-kumpanija naqset għal kollox milli tagħmel dan;*

*Illi apparti dan, il-kumpanija in kwistjoni, naqset ukoll mill-obbligi tagħha mposti mill-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations u għaldaqstant baqgħet qatt ma ssottomettiet l-*

*informazzjoni meħtieġa mar-Reġistratur dwar is-sidien benefiċċjarji tagħha;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċediet sabiex kitbet lill-kumpannija sabiex tavża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi r-Reġistratur bagħtet avviż permezz ta' ittra lill- kumpanija (annessi u mmarkati bħala Dok. 'MBR1', l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) fuq l-indirizz reġistrat tal-kumpanija 'Axeria Business Centre, 380 Level 3, Canon Road, Santa Venera SVR 9033, Malta', kif ukoll lid- diretturi tal-kumpanija: Mubariz Mansimov, fl-indirizz, 'Ebulula Cad. Maya Siteleri No 1, L-Blok, Akatlar, Istanbul 34335, Turkey', datati 8 ta' Frar 2021;*

*Illi fit-23 ta' Marzu 2021, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi f'dawn l-ittri il-kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha, skont ir-Regolament 9 tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations, f'każ li ma tweġibx għall- ittra fi żmien xahar, jew sussegwentament fi żmien tliet xhur ma tweġibx jew ma tintweriex raġuni biex isir kuntrarju għall-avviż ippublikat, ir-Reġistratur kienet se tkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija;*

*Illi b'referenza għal Dok. C mehmuż mar-rikors promotur, speċifikament l-email bid-data tal-15 ta' Frar 2021, is-soċjeta' rikorrenti naqset milli ġġib għall-attenzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti, illi fis-17 ta' Frar 2021 id-Desk Officer inkarigat mill-kumpanija de quo, wieġeb l-email tas-Sinjura Spiteri fejn infurmaha illi l-MBR ma kinitx irċeviet il-BO3 Form (annessa u mmarkata bħala Dok. 'MBR2'). Illi ir- Reġistratur wara li ntbagħat l-email mid-Desk Officer, baqgħat qatt ma rċeviet l-ebda tip ta' korrispondenza oħra jew dokumenti pendenti kemm mingħand il-kumpanija u kif ukoll mingħand terzi u għaldaqstant, fit-23 ta' Ġunju 2021, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponenti ħarġet avviż fuq website miżmuma minnha fejn*

*ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi kif jidher ċar mil-fatti suesposti, is-soċjeta' rikorrenti kellha biżżejjed żmien kemm qabel kif ukoll wara l-pubblikazzjoni tal-avviżi msemmija, biex tissottometti d-dokumenti pendenti, iżda din baqgħat inadempjenti. Kien biss wara illi tħassar l-isem tal-kumpanija u kellha ssir din il-kawża, illi fl-4 ta' Diċembru 2023 ġew sottomessi d-dokumenti hekk mitluba;*

*Illi l-unika raġuni għaliex is-soċjeta' attriċi qegħda tagħmel din il-kawża, hija sempliċement għaliex hija parti minn grupp ta' kumpaniji bl-isem ta' Palmali Holding Company Limited, li fetħu proċeduri ta' arbitraġġ quddiem il-London Maritime Arbitration Association fir-Renju Unit, fit-30 ta' Ġunju, 2023 u liema proċeduri għadhom fis-seħħ sa llum. Illi in vista tal-proċeduri fir-Renju Unit, il-Kumpanija ma tistax tipproċedi bit-talbiet tagħha quddiem l-istess tribunal arbitrali barrani sakemm l-isem tal-Kumpanija jerġa jitqiegħed fuq ir-Reġistru;*

*Illi fil-każ odjern, is-soċjeta' rikorrenti qiegħda tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija fit-12 t'Ottubru 2023 fl-ismijiet: Cortis Carmel et vs L-Onor Prim Ministru et (Rikors Nru. 21/19TA). Illi r-Reġistratur tixtieq tissolleva illi l-kawża għadha m'hijiex res judicata għaliex il-proċeduri għadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell. Illi f'dan ir-rigward, ir-Reġistratur tixtieq tiċċara wkoll mill-bidu, illi tali referenza għal din is-sentenza m'hijiex applikabbli fil-każ de quo, għaliex huwa fatt inkontestabbli illi fil-kawża Cortis Carmel et vs L-Onor Prim Ministru et, it-terminu ta' ħames snin li fihom il-liġi tipprovdi rimedju kienu ilhom li ddekorrew. Għall-kuntrarju, fil-każ de quo, l-isem tal-kumpanija kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru nhar it-23 ta' Ġunju, 2021 u għaldaqstant, is-soċjeta' rikorrenti għad għandha ċ-ċans li tużufruwixxi mir-rimedju ordinarju provdut mil-liġi.*

*Hekk ukoll stqarret l-Onorabbli Qorti fis-Sede Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet: It-Tabib Joseph Ferriggi et vs L-Avukat tal-Istat et (Rikors Nru. 417/2021 FDP): "Din il-Qorti tagħmilha ċara illi filwaqt illi d-drittijiet għandhom jiġu dejjem osservati u enforzati d-doveri illi wieħed għandu josserva - id-drittijiet u doveri għandhom jimxu id f'id u jitqiesu ta' l-istess importanza, fatt illi sfortunatament jidher illi hija opportunatament minsija regolarment minn ħafna minn dawk li jippretendu rimedju*

*għall-allegat ksur ta' dritt minnhom pretiż...Fil-każ odjern, jidher ċar illi r-rimedji ordinarji għadhom ma ġewx eżawriti għaliex, skont l-artikolu 325(4) tal-Kap 386, hemm perjodu ta' ħames snin, mid-data tat-tħassir tal-kumpanija, sabiex ssir it-talba u jiġu riattivati".*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur tixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija għandha tissottometti d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa (inkluż il-prospetti annwali, l-kontijiet annwali u l-informazzjoni dwar sidien benefiċċjarji) u dan ukoll sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi tat-terzi persuni. Ir-Reġistratur qiegħda umilment tissolleva illi qiegħda tħalli f'idejn din l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tagħħa sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tiġi rattifikata;*

*Illi r-Reġistratur ma toġġezzjonax illi l-kumpannija de quo tiġi mqiegħda fuq ir-Reġistru mill-ġdid;*

*Illi għaldaqstant l-esponenti qiegħda umilment tissolleva li hija lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ, filwaqt illi r-Reġistratur ma tispiċċax b'kumpaniji li m'humiex in regola mal-Att fuq ir-Reġistru għal żmien indefinit.*

Rat ir-rikors tas-soċjeta' UML Gas Shipping Limited tat-22 ta' Frar 2024, li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm kontenuti, talbet li tintervjeni fil-kawża odjerna *in statu et terminis*. Rat ukoll ir-risposti ntavolati mill-partijiet dwar l-istess rikors u rat id-digriet tagħha tas-17 t'April 2024 (fol 113) li permezz tiegħu ċaħdet it-talba tas-soċjeta' UML Gas Shipping Limited kif kontenuta fir-rikors tagħha tat-22 ta' Frar 2024.

Rat illi fl-udjenza tat-18 ta' Novembru 2024, deher l-Avukat Stefan Camilleri għas-soċjeta' rikorrenti u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-18 ta' Novembru 2024, id-difensur tar-Reġistratur intimata nfurmat lill-Qorti illi d-dokumentazzjoni illi kienet sottomessa mis-soċjeta' rikorrenti kienet tissodisfa lir-Reġistratur intimat, u għalhekk bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għal-lum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti *ai termini* tar-**Regolament 9(4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations,* Leġislazzjoni Sussidjarja 386.19**, u li permezz tagħha, is-soċjeta' rikorrenti, li hija azzjonista tal-kumpanija **Palmali Gas Shipping Co. Ltd (C 48949)**, qed titlob ir-rivavviment tal-istess kumpanija, liema kumpanija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fit-23 ta' Ġunju 2021.

Illi, f'dan il-kuntest, is-soċjeta' rikorrenti għandha kull interess illi l-istess kumpanija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u dana stante proċeduri ta' arbitraġġ pendenti quddiem il-*London Maritime Arbitration Association*, liema proċeduri ġew intavolati mill-kumpanija *de quo* flimkien ma' kumpaniji oħra fit-30 ta' Ġunju 2023, u liema proċeduri ma jistgħux jitkomplew jekk kemm-il darba l-kumpanija *de quo* ma tiġix ravvivata.

Illi s-soċjeta' rikorrenti ddikjarat mill-bidu illi hija kienet lesta li tieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni Palmali Gas Shipping Co. Ltd.

Fl-affidavit tagħha, **Joanne Spiteri** tgħid li hi kienet u għadha tassisti lill-Kumpanija li tifforma parti minn grupp ta' kumpaniji taħt l-isem Palmali Holding Company Limited fl-amminstrazzjoni soċjetarja tagħha u fost affarijiet oħra xogħolha jikkonsisti fis-sottomissjoni ta' dawk id-dokumenti u formoli meħtieġa mir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex il-Kumpanija tinżamm regolarizzata skont il-Liġijiet ta' Malta.

Tispjega li fit-8 ta' Frar 2021, hija rċeviet ittra mingħand ir-Reġistratur tal-Kumpaniji fejn il-kumpanija *de quo* ġiet interpellata sabiex fi żmien xahar tressaq l-informazzjoni meħtieġa ai termini tar-Regolament 9(2) tal-Regolamenti dwar Companies Act (Register of Beneficial Owners) L.S 386.19. Tgħid li hi għamlet mezz sabiex l-istess ittra għaddiet għand id-Direttur tal-Kumpanija u fil-15 ta' Frar 2021 hi kienet għaddiet l-informazzjoni meħtieġa lir-Reġistratur intimat. Issostni li minkejja dan il-kumpanija ġiet mħassra mir-Reġistru fit-23 ta' Ġunju 2021.

Tikkontendi li huwa importanti li s-soċjeta' *de quo* tkun parti mill-proċeduri arbitrali mibdija fir-Renju Unit għaliex flimkien ma' soċjetajiet oħra qegħdin jipproċedu kontra terzi. Barra minn hekk tgħid, li s-soċjeta' rikorrenti ħassitha aggravata bil-fatt li ġiet imħassra mir-Reġistru tal-Kumpaniji stante li l-istess kumpanija kienet esprimiet kull intenzjoni li topera.

Is-soċjeta' rikorrenti ppreżentat ukoll għadd ta' dokumenti in sostenn tat-talbiet tagħha li din il-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-intimat Reġistratur jgħid illi l-kumpanija msemmija kienet naqset mill-obbligi tagħha mar-Reġistratur, li tibgħat informazzjoni dwar is-sidien benefiċjarji tagħha *ai termini* tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations*.

Illi għalhekk kellu kull raġuni valida fil-liġi biex jikkanċella l-kumpanija u għaddha mill-proċeduri kollha li trid il-liġi biex sar dan u kienu akkumulaw *registration fees* u penali kif indikat fir-risposta.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi r-**Regolament 9 (4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners ) Regulations***[1], Leġislazzjoni Sussidjarja 386.19 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid is-segwenti:

> *(4) If any member or creditor of the company, or any other person who appears to the Court to have an interest feels aggrieved by the fact that the name of the company has been struck off the register by virtue of the provisions of this regulation, the Court on an application made by the member or creditor or such other person before the expiration of five years from the publication of the notice of the striking off provided for in sub-regulations (2) and (3) may, if satisfied that*

[1] Ippublikat bl-Ingliż biss

*it is proper that the name of the company be restored to the register, order that such name be restored to the register, and up on an official copy of the order being delivered by the Registrar of the Courts to the Registrar for registration, the company shall be deemed to have continued in existence as if its name had not been struck off; and the Court may by its order give such directions and make such provisions as seem fit for placing the company and all other persons in the same position as nearly as may be as if the name of the company had not been struck off. The Registrar shall forthwith proceed to publish a notice in the Gazette or on a website maintained by the Registrar and in a daily newspaper circulating wholly or mainly in Malta that the name of the company has been restored to the register.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bzonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu *ai termini* tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta l-kumpanija **Palmali Gas Shipping Co Ltd.** ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li rriżultaw.

Il-Qorti però, kif tagħmel dejjem f'ċirkostanzi bħal dawn u qabel ma tgħaddi għall-provvediment, tqis id-disponibilità li kellu r-rikorrent illi jirregolarizza l-affarijiet tal-kumpanija mar-Reġistratur intimata. F'dan il-każ, is-soċjetà rikorrenti żammet kelmitha u l-promessa magħmula mill-istess soċjetà rikorrenti inżammet, tant illi l-Qorti ġiet mgħarrfa illi l-pendenzi kollha fir-rigward tal-Regolament 9 (4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners ) Regulations* kienu ġew regolarizzati.

Bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ġiet mistiedna tgħaddi għall-provvediment.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq ikkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun ġust illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex, *ai termini* tar-Regolament 9(4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations,* liġi sussidjarja 386.19, fi żmien ħmistax-il jum, terġa' ddaħħal l-isem ta' **Palmali Gas Shipping Co Ltd. (C 48949)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex twettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa *ai termini* tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpanija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **Palmali Gas Shipping Co Ltd. (C 48949)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpanniji.

4. **Fir-raba' lok**, <u>tordna</u> illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwalsiasi spejjeż illi tista' tinkorri r-Reġistratur intimat sabiex tirrestitwixxi isem il-kumpanija **Palmali Gas Shipping Co Ltd. (C 48949)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji jkunu a karigu tas-soċjeta' rikorrenti.

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**